12 ta' Novembru, 1953.

Imħallef :
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Joseph Tanti *versus* Emmanuele Fenech

**Obligazzjoni — Terminu — Kondizzjoni — Liċenza — Art. 1120 u 1100 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Obligazzjoni li tiġi assunta mingħajr ftehim dwar iż-żmien għall-eżekuzzjoni tagħha għandha tiġi eżegwita minnufih. Jekk imbagħad, minħabba x-xorta ta' l-obligazzjoni għandu jiftiehem li l-partijiet riedu li tkun eżegwita fi żmien raġjonevoli, u dan iż-żmien ikun għadda, il-kreditur ta' l-obligazzjoni huwa intitolat jitlob lill-Qorti l-prefissjoni ta' żmien preċiż u ċert li fih il-debitur għandu jkompli l-obligu tiegħu.*

*Anki jekk l-obligazzjoni tkun kondizzjonali, il-kondizzjoni għandha tkun eżegwita kif il-partijiet aktarx riedu u fehmu li kellha tiġi eżegwita. U jekk il-kondizzjoni tkun eżegwibili mingħajr terminu, iżda min-natura stess tal-kuntratt jidher li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li jiġi eżegwit "in toto" f'qasir żmien, dan ifisser li, għalkemm żmien espress ma kienx hemm, kien hemm però terminu impliċitu fis-sens li l-kondizzjoni kellha tiġi eżegwita fi żmien raġjonevoli; b'mod li, anki jekk l-obligazzjoni tiġi ritenuta bħala assunta taħt kondizzjoni simili, il-kreditur jibqa' dejjem intitolat li jitlob mill-Qorti l-prefissjoni ta' żmien għall-eżekuzzjoni ta' l-obligazzjoni, jekk dak it-terminu raġjonevoli ikun għadda.*

*B'applikazzjoni ta' dawn ir-regoli fil-każ preżenti, fejn si trattava tal-bejgħ tal-karrozza, ġie ritenut illi, tant jekk il-bejgħ jiġi ritenut pur u sempliċi, kemm jekk jiġi ritenut bħala suġġett għall-kondizzjoni illi l-liċenza tal-karrozza ddur fuq ix-xerrej wara li l-venditriċi oriġinali tal-karrozza tkun dawritha fuq il-venditur, ix-xerrej kellu d-dritt jitlob li l-Qorti tipprefiġġi żmien lill-venditur biex idawwar il-liċenza fuq ix-xerrej, b'dan illi, fin-nuqqas, jiġi xjolt il-bejgħ ta' dik il-karrozza.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-instanti kien akkwista minn għand il-konvenut motor-cycle li jġib in-numru tal-liċenza tal-Pulizija nru. 10492; u peress li, wara li xtrah, l-instanti sab li ma setax jużah, għaliex dan kien liċenzjat f'isem terza persuna li tinsab mejta; u billi sal-lum il-konvenut ma ħax passi biex l-istess liċenza ddur f'isem l-instanti, u għalhekk ma jistax jisserva bil-motor-cycle in kwistjoni; talab (1) li l-konvenut jiġi kundannat jagħmel fi żmien qasir u perentorju l-pratiki neċessarji biex jottjeni minn għand l-awtorità kompetenti t-trasferiment tal-liċenza ta' l-imsemmi motor-cycle numru 10492 għal fuq isem l-attur — żmien li jiġi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti; (2) u in difett ikun dikjarat riżolut il-bejgħ fuq imsemmi, u l-konvenut ikun kundannat jieħu lura l-motor-cycle in kwistjoni u jħallas lill-attur is-somma ta' £40 li rċieva bħala prezz, flimkien mas-somma ta' £1. 4. 0 li l-instanti ħallas ta' l-assigurazzjoni ta' l-istess mutur. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li għandu jidher għas-subizzjoni, u salva kwalunkwe azzjoni għad-danni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda ta' l-attur jirriżulta li huwa ttratta x-xiri tal-motor-cycle in kwistjoni direttament mal-konvenut..............;

Illi l-versjoni ta' l-attur tinsab sostanzjalment sostnuta mix-xhud Maria Fenech..............;

Illi minn dana jidher li l-bejgħ kien pur u sempliċi, u ma kienx suġġett għall-patt li l-liċenza ddur fuq l-attur wara li l-venditriċi oriġinali tal-mutur tkun dawritha fuq il-konvenut. Effettivament l-attur xehed li hu sar jaf minn fejn il-konvenut xtara l-mutur wara li l-bejgħ kien ġie konkjuż, u wara li kien ġa ħadu d-dar tiegħu;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-konvenut huwa inadempjenti, u l-attur intitolat jitlob il-provvediment stabbilit fl-art. 1111 tal-Kodiċi Ċivili, kif qiegħed effettivament jagħmel;

Illi l-konvenut, fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet, jallega li me-

ta l-attur xtara l-mutur aċċetta li jistenna sakemm l-imsemmija armla ddawwar il-liċenza fuqu;

Anki kieku dina l-versjoni kienet sostnuta mill-provi, kien jibqa' dejjem li l-obligazzjoni saret mingħajr żmien għal l-eżekuzzjoni tagħha; u għalhekk, skond l-art. 1120 (Kodiċi Civili), għandha tiġi eżegwita minnufih — ħaġa li l-konvenut ma għamelx. Jekk imbagħad, minħabba x-xorta ta' l-obligazzjoni, għandu jiftiehem li l-partijiet riedu li tkun eżegwita fi żmien raġjonevoli, ma hemmx dubju li dan ilu li għadda, u l-attur intitolat jitlob lill-Qorti l-prefissjoni ta' żmien preċiż u ċert li fih il-konvenut ikompli l-oblig u tiegħu (ara art. 1120 fuq ċitat), u l-azzjoni ta' l-attur hija intiża anki għal dan l-iskop;

Illi, anki jekk "ex hypothesi" il-bejgħ kien kondizzjonali, hu prinċipju konsakrat fl-art. 1100 (Kodiċi Civili) illi "kull kondizzjoni għandha tiġi eżegwita kif il-partijiet aktarx ("in all likelihood") riedu u fehmu li għandha tiġi eżegwita". Si tratterebbe, fil-każ tagħna, ta' kondizzjoni eżegwibili mingħajr terminu; iżda minn natura stess tal-kuntratt jidher li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li jiġi eżegwit "in toto" f'qasir żmien; jiġifieri li, jekk żmien espress ma kienx hemm, kien hemm però terminu impliċitu (Fadda, art. 1173, §§ 26 u 28). Kif igħid Marcadè:— "E' chiaro che non ho voluto rimanere eternamente, io e i miei successori, in vostra balia, e la condizione, che deve sempre eseguirsi come le parti hanno verosimilmente voluto (art. 1175-1166), tanto per il tempo che sotto qualunque rapporto, deve compiersi da voi in un periodo di tempo ragionevole, dopo il quale verrà meno la mia obbligazione. Potrò dunque, insorgendo difficoltà, fare che il giudice stabilisca un termine scorso il quale la condizione sarà mancata" (Codice Napoleone, art. 1175);

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, u speċjalment il-fatt li għaddew inutilment mill-bejgħ tal-mutur bosta xhur għat-trasferiment tal-liċenza, l-azzjoni ta' l-attur ma tidhirx intempestiva;

Illi fil-meritu l-konvenut ma ġieb 'il quddiem ebda eċċezzjoni rilevanti;

Għal dawna l-motivi;

Tirrespinġi l-eċċepita intempestività ta' l-azzjoni;

Tilqa' d-domandi ta' l-attur, u tipprefiġġi lill-konvenut xahrejn żmien għall-finijiet ta' l-ewwel domanda;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.